MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Numru. 633/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**NATHALIE FELICE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Nathalie Felice ta’ 26 sena, bint Daniel Felice u Rita nee’ Muscat, mwielda Pieta’ fil- 25 ta’ Dicembru 1984, residenti 5, Fuq Verdala, Bormla u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 63485M;

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar is- 17 ta' Mejju 2011, ghall- habta tas-2.00pm, filwaqt li kienet fil- fond 5, Fuq Verdala, Bormal, bi vjolenza u b' theddid gieghelet lis- Surgent tal- Pulizija 440 Kenneth Vella Gregory u l- Kuntistabbli tal- Pulizija 315 Lisette Agius, bhala Ufficjali Pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x' taqsam mall- kariga taghhom;
2) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fil- fond 5, Fuq Verdala, Bormla, attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l- persuna tas-Surgent 440 Kenneth Vella Gregory u l- Kuntistabbli tal-Pulizija 315 Lisette Agius, bhala persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' Ordni mghoti skont il- Ligi mill-Awtorita' kompetenti;
3) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fil- fond 5, Fuq Verdala, Bormla volontarjament ikkawzat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal- Kunstitabbli tal- Pulizija 315 Lisette Agius, bhala persuna karigata skont il- Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall- ezekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni mghoti skont il- Ligi minn awtorita' kompetenti, skont kif iccertifikat minn Dr. Kevin Grech MD mic- Centru tas- Sahha ta' Bormla;
4) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fil- fond 5, Fuq Verdala Bormla, ma obdietx l- ordnijiet Legittimi tal- awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma hallietx jew fixklet waqt li l- Pulizija kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom;
5) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fil- fond 5, Fuq Verdala, Bormla ikkawzat hsara volontarja, cioe' billi kisret l- arlogg tal- polz, tad-ditta Adidas, tas- Surgent tal- Pulizija 440 Kenneth Vella Gregory, liema hsara teccedi €23.29 izda mhux izjed minn €116.47 ghad- dannu tal- istess Surgent ;

6) Talli fl- istess data, hin, lok hebbet kontra l- persuna ta' ohtha Ritienne Felice sabiex tingurja jew taghmel hsara lill- istess;
7) Barra minn dan akkuzata wkoll talli fl- istess cirkostanzi, filwaqt li kienet fl- inhawi ta' Fuq Verdala, gewwa Bormla, volontarjament kisret il- bon ordni u l- paci pubblika b' ghajjat u glied;
8) Aktar talli saret recidiva ai termini tal- Artikolu 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;
9) Barra minn ekk kisret ordni ta' Probation mghotija mill- Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D fil- Qorti tal- Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat fl- 14 ta' April 2010;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b'mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma' l-kawza tieghu bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Il-Pulizija kienu gew infurmati li fis-17 ta' Mejju 2011, l-imputata kienet fir-residenza taghha mitlufa minn sensiha, possibilment taht effett tad-droga, u ghalhekk marru l-Pulizija fuq il-post biex jaghtuha l-ghinuna. Hekk kif hi giet f'taghha, hi aggrediet lil ohtha Ritienne, u ghalhekk l-istess ufficjali tal-Pulizija intervjenew biex l-incident ma jeskalax. Gara, minnflok, illi l-imputata aggrediet lill-Pulizija, u ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri kontriha.

Li hu inkwetanti hafna ghall-Qorti, u ta' preokkupazzjoni kbira, hu li huwa evidenti ferm li l-imputata ghandha problema serja tad-dipendenza fuq id-droga. Dan l-incident kollu nibet minn allarm li oht l-imputata stess qajmet meta ratha mitlufa minn sensiha. Li ma kienx ghal dan l-intervent f'waqtu ta' oht l-imputata, kieku llum qed inharsu lejn storja ohra b'konsegwenzi hafna aktar tragici u koroh. Huwa ovvju li l-imputata trid tattendi ghal programm ta' rijabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga, u ghandha bzonn tghin lilha nnifisha biex tfiq minn din is-sitwazzjoni li qeghdha fiha. Biex dan isir, ikun ahjar li l-imputata sservi terminu ta' prigunerija u tibda l-programm minn gewwa l-Facilita' Korrettiva, bit-tama li taghleb din il-problema u taqleb il-folja fil-hajja taghha. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti sentenza wahda fejn tinkorpora wkoll il-ksur ta' Ordni ta' Probation moghtija lilha f' April tal-2010, tenut kont ukoll li l-imputata hija recidiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 91, 96, 221, 338 (ee), 325 (c), 338 (dd), 339 (1) (d) u 338 (bb) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha sena prigunerija ghar-reat mertu ta' din il-kawza;
U wara li rat l-Ordni ta' Probation datata 14 ta' April 2010, issibha hatja li kisret l-istess Ordni u ghaldaqstant tittratta maghha ghar-reat hemmhekk misjuba hatja u tikkundannaha ghal sena prigunerija,
Ghalhekk b'kollox qed tigi kkundannata ghal terminu ta' sentejn prigunerija;
Fl-ahhar lok il-Qorti qed taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva biex l-imputata tinghata l-ghinuna kollha necessarja biex tattendi ghal programm ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------